MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 866/2006

G.A. Investments Limited
vs
Venille Co Ltd u Neville u Michelle konjugi Spiteri
rispettivament flimkien u b'mod solidali bejniethom

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi skond skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006), annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument A, is-socjeta` intimata Venille Co. Limited kienet ikkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur a favur is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000).

2. Illi l-intimati Neville u Michelle konjugi Spiteri kienu kkostitwew ruhhom bhala garanti in solidum bejniethom u in solidum mas-socjeta` intimata, ghall-obbligi assunti mis-socjeta` intimata.

3. Illi s-somma ta’ hamsin elf lira Maltija kellha tigi mhallsa mis-socjeta` intimata permezz ta’ tliet pagamenti; l-ewwel pagament permezz ta’ credit nota ta’ hamest elef lira Maltija ghal materjal ta’ bini, u dan sal-ewwel ta’ Mejju 2006; it-tieni pagament ta’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltija sal-wiehed u tletin ta’ Mejju 2006; u t-tielet pagament ta’ ghoxrin elf lira sal-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2006.

4. Illi l-partijiet fuq l-iskrittura privata citata kienu ftiehmu li jekk id-debitur, cioe` s-socjeta` intimata, ikun moruz fil-pagamenti, jintilef il-beneficcju tat-terminu u l-kreditur kien ikollu dritt li jitlob is-somma kollha li ma tkunx imhallsa bl-imghaxijiet mid-data tal-istess skrittura privata.

5. Illi s-socjeta` intimata kienet naqset milli twettaq it-tieni pagament li kellu jsir sal-wiehed u tletin ta’ Mejju 2006.

6. Illi ghaldaqstant is-socjeta` intimata u l-intimati Neville u Michelle konjugi Spiteri huma llum debituri flimkien u in solidum bejniethom tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet mis-27 ta’ April 2006.

7. Illi minkejja li l-intimati kienu gew interpellati sabiex ihallsu diversi drabi, huma kienu baqghu inadempjenti.

8. Illi l-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45,000) kien dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti kienu jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi l-intimati ma kellhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddispensa s-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

2. Tiddikjara lill-intimati flimkien u b'mod solidali bejniethom debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45,000).

3. Tikkundanna lill-intimati flimkien u b'mod solidali bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000).

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru numerat 1395/06 u prezentat fit-18 ta' Settembru 2006 kontra l-intimati, u bl-interessi mis-27 ta' April 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Johann Said direttur tas-socjeta` rikorrenti li fih issemma li skond skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-27 ta' April 2006, is-socjeta` intimata Venille Co. Limited kienet ikkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur a favur is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm50,000. L-intimati Neville u Michelle konjugi Spiteri kienu kkostitwew ruhhom bhala garanti in solidum bejniethom u in solidum mas-socjeta` intimata, ghall-obbligi assunti mis-socjeta` intimata. Illi s-somma ta' hamsin elf lira Maltija kellha tigi mhallsa mis-socjeta` intimata permezz ta' tliet pagamenti. Illi l-partijiet fuq l-iskrittura privata citata kienu ftiehmu li jekk id-debitur,

cioe` s-socjeta` intimata, ikun moruz fil-pagamenti, jintilef il-beneficcju tat-terminu u l-kreditur kien ikollu dritt li jitlob is-somma kollha li ma tkunx imhallsa bl-imghaxijiet mid-data tal-istess skrittura privata. Is-socjeta` intimata kienet naqset milli twettaq it-tieni pagament li kellu jsir sal-31 ta' Mejju 2006. Ghalhekk is-socjeta` intimata llum hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' Lm45,000 flimkien ma' l-imghaxijiet mis-27 ta' April, 2006 u minkejja li gew interpellati biex ihallsu diversi drabi l-intimati baqghu inadempjenti.

Xehed Neville Spiteri li qal li hu kien qed jidher kemm f'ismu propju, kemm ghan-nom ta' martu Michelle, kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija Venille Company Limited. Kompla jghid li huwa veru li huma kellhom jaghtu l-ammont ta' Lm45,000 lis-socjeta` rikorrenti, u hu ammetta kemm ghalih personali u ghal martu kif ukoll ghan-nom tal-istess kumpanija b'solidarjeta`.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom billi tiddispensa s-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) filwaqt li tiddikjara lill-intimati flimkien u b'mod solidali bejniethom debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45,000). Tikkundanna lill-intimati flimkien u b'mod solidali bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000).

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru 1395/06 prezentat fit-18 ta' Settembru 2006, u bl-interessi mis-27 ta' April 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------